Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Numru. 1363/2011

**Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Alfred Azzopardi**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Alfred Azzopardi ta’ 61 sena, bin Paul u Adelina xebba Sciberras, imwieled Gzira fis-6 ta’ Marzu, 1950 u residenti fil-fond, nru 42, Triq il-Mina tax-Xatt Senglea u detentur tal-karta tal-identita’ numru 229950(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-5 ta’ Gunju 2010, ghall-habta tal-4pm fi Triq il-Vitorja, Senglea bil-hsieb li taghmel delitt u cioe’ li minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdlu il-hajja ta’ Nazzareno Zarb minn Marsaskala f’perikolu car ikkaguna offiza ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ l-imsemmi Nazzareno Zarb minn

Marsascala, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu.
Rrenda ruhu recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati minn dawn il-Qrati ta' Malta b'sentenzi li saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 12 ta' Dicembru 2011 (esebit *a folio* 14 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-3 ta' Frar 2012 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fil-5 ta' Gunju 2010 ghall-habta tal-4.00pm instema' storbju kbir barra l-Ghassa ta' Bormla fejn waqfu zewg vetturi u kien hemm hafna ghajjat u storbju u meta l-Pulizija hargu barra sabu lill-imputat u lil Nazzareno Zarb jargumentaw u wara li ferquhom u kkalmaw is-sitwazzjoni gew infurmati li kien hemm kwistjoni rigwardanti ammont ta' flus li l-imputat kellu jaghti lil Zarb u li meta l-imputat kien l-Isla bil-vettura tieghu gie avvicinat minn Zarb sabiex ihallsu l-flus li kellu jaghtih u huwa beza' u harab bil-vettura u baqa' sejjer l-Ghassa ta' Bormla b' Zarb isegwih bil-vettura tieghu. L-imputat qal lill-Pulizija li huwa tant beza' li habat fil-mina tal-Isla hu u jsuq lejn l-Ghassa[1]. Nazzareno Zarb imbaghad qal li meta kienu l-Isla l-imputat prova jtajru bil-vettura izda ma laqtux.

[1] Vide xhieda tal-Maggur 1177 Carmel Bonello a fol. 18 et sequitur u stqarrija rilaxxjata mill-imputat a fol. 48 u 49.

Nazzareno Zarb meta xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-24 ta’ Mejju 2013 sostna li fil-gurnata in dizamina huwa kien qieghed l-Isla ikellem lil siehbu Charlot Calleja meta ra lill-imputat u peress li dan tal-ahhar kellu jaghtih xi flus u baqa’ ma tahomlux huwa mar sabiex jitlobhomlu u meta rah gej l-imputat ghafas il-gass u saq ghal fuqu u Zarb jghid li li kieku huwa ma ndunax x’kien ser jaghmel u resaq l-imputat kien jolqtu. Huwa jghid li kien mal-bieba tal-vettura ta’ siehbu meta l-imputat kien ser jolqtu.

Charlot Calleja li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-22 ta’ Marzu 2012 qal li huwa kien qed ikellem lil Nazzareno Zarb fil-pjazza tal-Isla u ra vann zghir gej u malli qam Zarb is-sewwieq tal-vann ghafas il- gass. Huwa jghid li meta gara hekk hu u siehbu kienu bilqeghda fuq targa hdejn il-hanut tad-dvd’s u Zarb mar sabiex jaqsam it-triq u mbaghad l-imputat ghafas il-gass. Dan ix-xhud qal li seta’ kien hemm u seta’ ma kienx hemm perikolu ghal Zarb u qal ukoll li l-vann misjuq mill-imputat bl-ebda mod ma ostakola lil Zarb waqt li dan kien qed jaqsam.

L-imputat ghazel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri izda a tempo vergine kien irrilaxxja stqarrija fejn qal li meta ra lil Zarb gej sabiex jitolbu l-flus huwa beza’ minnu u telaq malajr minn fuq il-post sabiex imur l-Ghassa ta’ Bormla.

Ikkunsidrat:

Illi f’dawn il-proceduri l-imputat qed jigi akkuzat bl-attentat li jikkaguna feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Nazzareno Zarb. Din il-Qorti tinsab rinfaccjata b’zewg verzjonijiet kunfliggenti fejn min-naha l-wahda Zarb isostni li l-imputat saq ghal fuqu u ma laqtux semplicement ghaliex huwa resaq min-nofs filwaqt li l-imputat jghid li huwa kien telaq jigri minn fuq il-post ghaliex Zarb kien talbu l-flus li kellu jaghtih u segwih bil-vettura tieghu. Din il-Qorti wara li fliet ix-xhieda taz-zewg persuni appena msemmija u wara li rat ix-xhieda tal-uniku xhud okulari u cioe’ Charlot Calleja hija aktar propensa li temmen il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat. Dan jinghad ghaliex il-Qorti setghat tikkonstata li kien hemm diskrepanzi bejn

ix-xhieda moghtija minn Nazzareno Zarb u mix-xhud okulari Charlot Calleja. Dan tal-ahhar fil-fatt jghid li hu u siehbu kienu bilqeghda fuq targa quddiem il-hanut tad-dvd's meta raw il-vettura tal-imputat gejja u Zarb qam u mar jaqsam it-triq u kien waqt li Zarb kien qed jaqsam li Calleja ra lill-imputat jaghfas il-gass. Dan ix-xhud qal ukoll li l-vann misjuq mill-imputat bl-ebda mod ma ostakola lil Zarb waqt li dan kien qed jaqsam u fl-ebda hin ma jghid li ra lil-imputat isuq ghal fuq Zarb. Zarb min-naha l-ohra jghid li huwa kien bilwieqfa hdejn il-bieba tal-vettura ta' siehbu meta l-imputat saq ghal fuqu. Fil-fehma tal-Qorti l-verzjoni moghtija minn Charlot Calleja aktar tikkorobora dik moghtija mill-imputat fejn dan qal li ra lil Zarb gej ghalih sabiex jitolbu l-flus u beza' u telaq jigri minn fuq il-post u ghalhekk jidrilha li l-Prosekuzzjoni ma tistghax titqies li rnexxilha tipprova sal-grad ta' lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat b'xi mod ipprova jsuq ghal fuq Zarb u sabiex jikkagunalu griehi ta' natura gravi.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------